# Statwi meqjuma fiż-żewġ Knejjes tagħna Lawretani

**Dun Karm Cassar**

Il-knejjes Maltin nistgħu litteralment ngħidu li huma miżgħuda bi statwi ta' ħafna qaddisin meqjuma taħt diversi titli. Jekk inħarsu lejn il-kappella ta' Lourdes hemm naraw il-Madonna meqjuma taħt it-titlu għażiż ta' Marija Immakulata, statwa maħduma mill-istatwarju Karlu Darmanin fejn hemm insibu wkoll statwa ta' Santa Bernardetta miġjuba minn barra.

Jekk nidħlu fil-Knisja tal-Patrijiet Minuri hemm għandna naraw statwi sbieħ oħra konnessi l-iktar ma' l-Ordni Franġiskan, fosthom hu ta' min isemmi l-istatwa sabiħa titulari ta' Sant' Antnin ta' Padova u dik ta' San Franġisk ta' Assisi, il-Fundatur ta' l-Ordnijiet Franġiskani, iżda hawn il-ħsieb tiegħi hu li f"dan l-artiklu nillimita ruħi li nsemmi biss dawk l-istatwi li jinsabu fiż-żewġ knejjes tal-parroċċa iddedikati lill-Madonna ta' Loreto .



Meta nidħlu fil-knisja l-qadima fil-korsija tagħha fuq in-naħa tal-lemin l-ewwel li niltaqgħu mal-Korp Sant ta' San Ġiljan Martri li huwa relikwija insinji figura ta' suldat ruman li jinsab taħt l-artal laterali ta' Sant' Antnin u li l-ex Arċipriet Espedito Tabone fis-sena 1968 akkwista mingħand il-Kan. Dun Fortunatu Attard mix-Xagħra, u li l-għadam tiegħu mbagħad ġie imlibbes mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri b'figura ta' suldat.

Fil-kappellun tal-lemin ta' din il-knisja jinsab Kurċifiss sabieħ ħafna maħdum f'Lecce li nissopponi kien sar minflok ieħor li kien inġab fis-sena 1824 u mħallas minn Franġisk Mercieca u sar minn Dun Emanuele Speranza. Il-Kurċifiss ta' Speranza niftakru fi ċkuniti msallab fuq salib iswed fil-lok Triq il-Ġnien li konna nsibuh bl-isem ta' Każin, fejn illum tgħix il-famija Grima. F'dak il-lok imsejjaħ każin kien hemm loppa ta' tuzell maħduma bil-galbu mhux kompluta u wkoll sopraporta li tidher ukoll li kienet bdiet tinħadem minn idejn tajbin u ngħid li kemm il-loppa kif ukoll is-sopraporta għabu waqt il-ġarr minn lok għall- ieħor.

Il-Kurċifiss ta' Lecce kien fil-Ġimgħa l-Kbira għall-priedka ta' tliet sigħat jitniżżel minn postu u jintrama fuq it-taraġ ta'l-artal maġġur u mbagħad biex ma joqogħdux b'ħafna taħbit u b'biża' ta' ħsara nħadem kurċifiss u salib ieħor minn Wistin Camilleri u li għadu jkkonservat sew u mgħotti fis-sagristija ta' l-istess knisja.

F'niċċa qrib l-artal maġġur tinsab vara grazzjuża tat-tfajjel qaddis Salezjan San Duminku Savio maħduma wkoll minn Wistin Camilleri li l-familja Grech ta' Ġużepp is-Sipa kienet irregalat liċ-Ċirklu ta' l-Azzjoni Kattolika u b'digriet ta' Isqof Mons. Ġużeppi Pace dan il-qaddis ġie magħżul Protettur taż-żgħażagħ ta' Għajnsielem u wkoll il-Għaqda tal-Piccolo Clero għażlitu bħala l-Protettur tagħha. Ta. kull sena fil-knisja u fiċ-ċirklu kienet isirlu festa bil-kant ta' għasar bil-vuċijiet u priedka fuq il-merti ta' dan it-tfajjel qaddis ta' ħmistax –il sena.

F'niċċa oħra fil-kappellun tar-Rużarju tinsab l-istatwa ta' Sant' Antnin ta' Padova mlibbes iċ-ċoqqa ta' franġiskan konventwal bħal ma jilbsu l-patrijiet franġiskani li jinsabu fi Pjazza San Franġisk tal-Belt Vittorja. Din l-istatwa ta' Sant'Antnin kienet inġabet minn Lyons fis-sena 1903 flimkien ma' dik ta' Sant'Andrea fiż-żmien il-Kappillan Anton Aquilina u mħallsa minn Fonzu Grech u Mikiel Galea. Tinsab imbagħad statwetta li tirrappreżenta l-Bambin ta' Praga, li sa fejn naf jiena kienet imħallsa minn Marija Pawla Cassar u tinsab f'niċċa żgħira ġos-sagristija. Għal xi żmien din l-istatwetta kienet tintuża għall-purċissjonijiet tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla sa kemm

inġabet oħra iżgħar li hija msejħa l- Bambin tax-Xirka.

F'din il-knisja għandna statwa żgħira qadima ħafna ta' Ġesù Nazzarenu qiegħed bilqegħda fuq kolonna u tinsab ġo niċċa li għandha girlanda tal-granutel madwarha u li tinsab taħt l-ewwel arkata qrib il-bieb ta' l-orgni. Biex inkunu għedna kollox il-knisja għandha wkoll bust ieħor ta' l-Ecce Homo li attwalment jinsab għand l-istatwarju Mike Camilleri Cauchi.

Sa hawn semmejna dawk l-istatwi meqjuma fil-knisja ż-żgħira jew il-qadima tagħna u issa ngħaddu biex ngħidu xi ħaġa fil-qosor dwar dawk l-istatwi li jinsabu meqjuma fil-knisja l-ġdida.



Kif nidħlu mill-bieb il-kbir tal-knisja l-ġdida fuq in-naħa tal-lemin tagħha taħt il-gallarija tinsab in-niċċa ta' Marija Addolorata maħduma u miġjuba minn Bari, Italja. Kien il-Kaptan Dumink Scicluna li meta qagħad jaħseb li kważi f'Għajnsielem biss ma għandniex statwa tad-Duluri ndaħal hu u martu Rita. li permezz tal- Arċipriet Tabone ordnaw għand ditta taljana f'Bari din l-istatwa sabiħa ta' Marija Addolorata u li issa ta' kull sena fir-Randan qed issir puċissjoni biha b'forma ta'pageant u tieħu sehem ukoll il-Banda "San Ġużepp" tar-Raħal tagħna.'

Taħt l-ewwel navata tal-lemin tal-knisja tinsab niċċa sabiħa u kbira li fiha tinżamm il-vara ta' l-Ecce Homo fejn Ġesù hu rappreżentat marbut mal-kolonna, opra sabiħa u devota maħduma mill-istatwarju għawdxi Mike Camilleri Cauchi u mħallsa minn Toni u martu Angolina Portelli.

F'niċċa oħra fit-tieni navata tinsab il-Madonna tar-Rużarju li saret mill-istatwarju Wistin Camilleri fiż-żmien il-Kappillan Franġisk Mizzi u swiet xi 10 liri sterlini u dann laħħar ġiet miżbugħa minn Pawlu Debono. Ngħid ukoll, għall-ġiħ ta' l-istorja, li din l-istatwa tar-Rużarju kienet saret flok oħra li tinsab fil-parroċċa tal-Għasri.

Fil-kappellun tal-lemin ġo niċċa gotika imponenti li saret fiż-żmien Arċpriet Zerafa tinsab il-vara titulari tant għażiża għalina, jiġifieri dik tal-Madonna ta' Loreto li dwarha tant drabi smajna l-istorja tal-miġja tagħha. Din il-vara ġiet ordnata għand id-ditta Galard & Fils f' Marsilja u qamet 430 skud u waslet fostna fiż-żmien il-Kappillan Dun M' Anġ Refalo u ġiet imbierka fl-14 ta' Ottubru ,1866 mill-Kan. Dun Ġejtano Bondi' u maż-żmien kienu saru fuqha xi restawr u l-induratura fiż-żmien il-Kap.F. Mizzi u f'dan l-aħħar ġiet mill-ġdid indurata bi spejjez ta' Joe u Martu Vassallo.

Fil-kappella tas-S.S. Sagrament f'niċċa wkoll imponenti tinsab meqjuma l-istatwa devota tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, opra oħra sabiħa maħduma mill-fiber li ħarġet ukoll minn idejn Mike Camilleri Cauchi u mħallsa minn Michelina u żewgha Ġużeppi Gauci.

Nidħlu issa fil-kor fejn insibu jiddomina Kurċifiss grandjuż li jirrappreżenta lil Ġesù agonizzant, opra oħra ta' l-istatwarju Mike Camilleri Cauchi, u mħallas mill-familja tal-mejjet Mike Zerafa u martu Emanuela u li sewa Lm450 u kien imżanżan fis-19 ta' Marzu 1989.

L-istatwa l-oħra li għandna fil-kor hija dik tal-Madonna s-Sewda li hija fsimili għal dik li tinsab ġewwa l-bażilka fil-Belt ta' Loreto . Sa fejn niftakar jiena din l-istatwa kienet inxtrat minn Franġisk Mizzi mlaqqam tax-Xixa u l-iskop tagħha kien li maż-żmien kellha titqiegħed ġo dwejra li kellha tinbena fil-kor tal-knisja l-ġdida biex tkun simili għal dik li hemm f'Loreto, ħaġa, skond il-fehma tiegħI li allaħares saret. L-ewwelnett din il-karma qatt mhu sa tkun dik l-istess dwejra li hemm f'Loreto; it-tieni kienet tifga għall-aħħar il-kor hekk spazjuż li għandha l-knisja tagħna u jekk ukoll ma kienitx tgħatti t-twieqi ta' listess kor. Sabiex dan iseħħ kienu saru żewġ bibien oħra li mis-sagristiji kienu jatu dirett għal ġo din

il-kmajra u difatti l-bibien għadhom jidhru izda huma mbarrati u ntużati għal għanjiet oħra. Din l-istatwa tal-Madonna s-Sewda kienet waslet Malta minn Ruma f'Ġunju tas-sena 1924 u ġiet imbierka fil-Palazz Arċiveskovili minn Mons Isqof M. Gonzi li kien għadu kif ġie magħżul bħala Isqof ta' Għawdex.



Billi din l-istatwa llum hija kkonsidirata bħala t-titular tal-knisja, jidhirli li għanda jkollha xi ħaġa wisq aħjar minn sempliċI gradenzina ta' l-injam biex toqgħod fuqha u wkoll xi ornamenti adattati għal madwara..

Ngħaddu issa għan-naħa tax-xellug tal-knisja u l-ewwel vara li nsibu hi dik ukoll ta' Loreto li tinsab fil-kappella msejħa tal-Madonna. Din hija dik storika li fuqha nistgħu żgur ngħidu li hi mibnija l-istorja sabiħa tal-parroċċa tagħna. Din l-istatwa maħduma mill-ġebla Maltija tirrapreżenta l-Madonna fuq id-Dar u bil-Bambin Ġesù f'idejjha. Tagħha la nafu d-data meta saret u anqas l-iskultur li għamilha, iżda fortunatament nafu almenu minn kien ordnaha. Skond it-tradizjoni pietuża l-poplu ta' Għajnsielem dejjem żamm li din l-istatwa hi dik li ordnata mit-twajjeb Anġlu Grech im- laqqam tax-Xini li lilu fuq il-Għajn tal-Hasselin kienet dehret is-Sinjura sabiħa li talbitu jgħamlilha niċċa tal-Madonna ta' Loreto u ndikatlu l-lok fejn kellu jpoġġija. Hi fehma tiegħi li din l-istatwa għandha titpoġġa fejn kienet indikat il-Madonna lit-twajjeb Anġlu Grech u mhux biss minħabba t-tifsira storika tagħha iżda wkoll minħabba diversi raġunijiet oħra fosthom ta' min isemmi li fil-knisja l-ġdida diġa' hemm żewġ statwi oħra ta' Loreto, minħabba raġuni ta' simitrija ma' l-istatwa tal-Qalb Imqaddsa u waqt li fil-knisja l-qadima la hemm l-ebda statwa ta' Loreto fil-waqt li fiha jinsabu bosta niċeċ disponibli għaliha. Din l-opinjoni tiegħi kont darba għedtha lil Mons Isqof Nikol G. Cauchi li kien wieġibni li hija ħaġa ta' min jistudjaha iżda konklużjoni qatt ma waslet, imma forsi ladarba issa ninsabu taħt amministrazzjoni ġdida għad forsi tittieħod xi deċizzjoni.

Inkomplu fuq in-naħa tax-xelluġ u fin-navata l-ewwel li niltaqgħu ma. San Ġuda Taddew, vara maħduma għand l-istatwarju Pawlu Aquilina u mħallsa minn Ġanni Grech tas-sipa u swiet is-somma ta' Lm400 u ġiet imbierka mill-Arċipriet Dun Ġużepp Zerafa fit-22 ta' Awissu 1996

Taħt l-ewwel navata pareġġ ta' dik li fiha hemm l-Ecce Homo tinsab l-istatwa sabiħa ta' Sant' Indrija, il-patrun tas-sajjieda u forsi wkoll nistgħu nsejħulu l-patrun tal-vokazzjonijiet. Din l-istatwa saret fiż-żmien il-kappillan Dun Anton Aquilina u mħallsa minn Alfonso Grech u saret f'Lyons, Franza u f'Għajnsielem kienet is-sekonda festa b'rit solenni. Fil-arkivju tal-parroċa tagħna tinsab kopja tal-paniġerku li kien għamel il-famuż Mons.Guġepp Farruga mlaqqam tal-Vers.

L-aħħar statwa li baqa' nsemmu hi dik ta' San Ġużepp li tinsab meqjuma f' niċċa qrib il-bieb il-maġġur. Din hija vara sabiħa ħafna li kienet inġabet fiż-żmien il-Kap. Dun Franġisk Mizzi li hu kien stess li ordna għand id-ditta Galard ta' Marsilja u waslet Malta fid-29 ta' Diċembru 1910, u qamet L24 sterlini u mħallsa minn diversi benefatturi..

Din il-vara rnexxiet ħafna għax kif kien qalli wieħed anzjan il-kappillan Mizzi kien ġabar diversi ritratti ta' San Ġużepp u minn ritratt għażel ill-wiċċ, minn ieħor il-Bambin, u minn ieħor il-pożizzjoni eċċ.

Biex inkun għidt ftit fuq kollox nagħlaq din il-kitba sempliċI billi nsemmi wkoll is-sitt statwetti ta' l-appostli li jinsabu tnejn fuq iż-żewġ bibien tal-kor u erba' oħra fuq il-bibien laterali. Dawn l-appostli kien xtrahom l- Onor.Amabile Cauchi minn xi knisja wara li kienet saret ir-riforma liturġika.